MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010

Appell Civili Numru. 128/2007/1

**Frances Bergedahl a nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Central Mediterranean Development Corporation Limited (C 453)**

**v.**

**Francis Formosa**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu provvediment dwar it-talba li saret mill-appellant permezz tal-avukat tieghu sabiex din il-Qorti tisma' bil-gurament lil Francis Formosa u Carmen Formosa li huma residenti fid-dar 106 Belvedere Street, Gzira rigwardanti r-riferta dwar notifika b'affissjoni li dwarha xehed il-Marixxal Raymond Pace fis-seduta quddiem din il-Qorti tal-4 ta' Mejju 2010.

**Fatti relevanti**

Is-segwenti huma l-fatti relevanti ghall-kwistjoni mertu ta' dan il-provvediment.

L-ewwel aggravju fir-rikors tal-appell tal-intimat appellant jikkonsisti fl-allegata nullita` tan-notifika tieghu per affissjoni tar-rikors guramentat promotur tal-gudizzju u li per konsegwenza ghandha tigi revokata s-sentenza appellata u l-appellant jigi awtorizzat jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu entro t-terminu li trid il-ligi.

Fis-seduta tas-17 ta' Marzu, 2010 quddiem din il-Qorti l-appellant permezz tal-avukat tieghu talab li l-ewwel jigi epurat il-punt dwar l-allegata kontumacja tal-appellant u dan peress illi l-appellant jikkontendi li r-rikors guramentat u l-avviz tas-smigh quddiem l-ewwel Qorti qatt ma twahhal mal-bieb tar-residenza tieghu f' 106 Belvedere Street, Gzira.  F'dik is-seduta din il-Qorti qablet li ghandu jigi l-ewwel epurat dan il-punt u ordnat is-smigh tal-Marixxal Raymond Pace dwar ir-riferti relevanti.  Dan ix-xhud instema' minn din il-Qorti fis-seduta tal-4 ta' Mejju 2010.
Fl-istess seduta tal-4 ta' Mejju 2010, wara li xehed il-Marixxal Raymond Pace, l-appellant permezz tal-avukat tieghu talab li jinstemghu bil-gurament Francis Formosa u Carmen Formosa li huma residenti fid-dar 106 Belvedere Street, Gzira.  Il-Qorti tat gimgha zmien lis-socjeta` appellata sabiex taghmel nota tal-osservazzjonijiet dwar it-talba msemmija liema nota giet prezentata fis-7 ta' Mejju 2010.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

In vista tan-natura tal-ewwel aggravju tal-intimat appellant kif migjub fir-rikors tieghu tal-appell il-vertenza li dwarha trid taghti eventwalment id-decizjoni taghha din il-Qorti tirrigwarda tlett riferti bid-data tas-16 ta' April 2007 li jidhru a fol. 31 tal-process. Dawn ir-riferti huma miktuba bl-idejn u l-kallegrafija ma hix facilment decifrabbli u ghalhekk din il-Qorti kienet ordnat li jinstema' quddiemha bhala xhud lill-Marixxal Raymond Pace li fil-fatt xehed fl-4 ta' Mejju 2010.

Ix-xhud Raymond Pace ikkonferma li r-riferti kienu miktuba minnu u li l-ewwel wahda, ta' fuq, kienet tirrigwarda l-fond 106, Belvedere Street, il-Gzira. Huwa zied jghid li fuq l-istess riferta hemm l-isem Francis Formosa, imbaghad il-post il-Gzira u taht il-kliem: kopja ta' avviz u rikors u l-firma tieghu. Mistoqsi mill-avukat tal-appellant x'ried jghid biha l-kelma "Gzira" ix-xhud wiegeb li hu kien biha qieghed jirreferi ghall-indirizz li jidher fuq il-*folder* a fol. 30 li gewwa fih hemm ir-riferti u cioe` 106, Belvedere Street, Gzira. Huwa qal li wahhal l-affarijiet mal-bieb ta' barra tad-dar, u specifika li l-fond ma kienx appartament.

Ix-xhud kompla jispjega li t-tieni riferta kienet tirreferi ghall-Kunsill tal-Gzira fejn huwa kien halla kopja tal-avviz u r-rikors waqt li t-tielet riferta kienet tirrigwarda l-Ghassa tal-Gzira fejn ukoll ghamel in-notifika tal-avviz u rikors filwaqt li specifika li l-ghassa ma kienetx boghod mid-dar peress li qeghdin fl-istess triq.

Kif inghad, ix-xhieda tal-Marixxal Ray Pace inghatat fuq ordni tal-Qorti in vista tan-natura tal-ewwel aggravju tal-appellant fir-rikors tieghu tal-appell. Mid-domanda tal-avukat tal-appellant waqt ix-xhieda tal-istess Marixxal (pagna 6 tad-depozizzjoni tieghu a fol. 112) ma jidhirx li x-xhieda mitluba ta' Francis Formosa u Carmen Formosa hi intiza sabiex tikkontradici x-xhieda tal-Marixxal Ray Pace izda hi intiza sabiex issir il-prova li huma ma sabu l-ebda karta mwahhla mal-bieb tad-dar taghhom. Fic-cirkostanzi, peress li x-xhieda tal-Marixxal Ray Pace giet ammessa fuq ordni *motu proprio* tal-Qorti u in vista tal-fatt li din il-Qorti ma tistax f'dan l-istadju teskludi r-relevanza tax-

xhieda Francis Formosa u Carmen Formosa in kwantu din tista' tincidi fuq l-ewwel aggravju tal-appellant, il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tammetti lil Francis Formosa u Carmen Formosa biex jaghtu x-xhieda taghhom kif mitlub mill-appellant.

**Provvediment**

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talba tal-intimat appellant sabiex din il-Qorti tisma' bil-gurament lil Francis Formosa u Carmen Formosa residenti 106, Belvedere Street, Gzira ghall-iskop imsemmi mill-Avukat Dr. Edward Debono ghall-intimat appellant fil-verbal tieghu fis-seduta quddiem din il-Qorti tal-4 ta' Mejju 2010 (fol. 111).

L-ispejjez ta' dan l-incident jibqghu riservati ghall-gudizzju finali ta' din il-Qorti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------